# 4. IL-KUMISSJONI PARROKKJALI ADOLEXXENTI U ŻGĦAŻAGĦ (KPAŻ)

Fil-kapitli ta' qabel, issemmiet diversi drabi il-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ (KPAŻ). Issa jmiss li nidħlu iżjed fil-fond ta' xi tfisser din l-istruttura, x'inhu l-bżonn u l-ħidma tagħha u l-irwol li hi għandha fil-parroċċa.

## 4.1 Missjoni

Il-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ tikkoordina, tiżviluppa u tħares il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa.

## 4.2 Għanijiet

Il-Kummissjoni Żgħażagħ u Adolexxenti għandha:

- tidentifika kemm hemm adolexxenti u żgħażagħ fil-parroċċa, tara x'inhi r-realta' tagħhom (eż. studenti, ħaddiema, turisti, żgħażagħ li jattendu każini, għaqdiet mhux reliġjużi eċċ.) u x'inhuma l-ħtiġijiet pastorali tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' *survey* li hemm kopja tiegħu mehmuża f'**appendiċi A**;
- Tħejji pjanijiet għall-pastorali taż-żgħażagħ u l-adolexxenti u taħdem b'mod strateġiku u professjonali fuq is-setturi kollha tal-ħajja taż-żgħażagħ u l-adolexxenti: xogħol, edukazzjoni, l-kamp soċjali u divertiment/rikreazzjoni;
- Tistħarreġ u tevalwa l-ħidma pastorali parrokkjali li tkun qed titwettaq fost iż-żgħażagħ u l-adolexxenti (*monitoring*);
- Tkun vuċi taż-żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa, anke permezz ta' rappreżentanza fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP);
- Tagħti pariri lill-Kappillan/Arċipriet fuq id-dinja taż-żgħażagħ u l-adolexxenti;
- Tara x'inhuma l-bżonnijiet tal-operaturi pastorali li jaħdmu ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ u tindirizzahom filwaqt li tara li għandhom il-formazzjoni meħtieġa;
- Tikkoordina il-ħidma ta' l-għaqdiet tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fi ħdan il-parroċċa.

- Toħloq djalogu ma' għaqdiet taż-żgħażgħ fil-parroċċa u tara kif tista' tikkoordina proġetti flimkien magħhom li jkunu ta' ġid għaż-żgħażagħ
- Tara li ż-żgħażagħ membri ta' l-għaqdiet/gruppi parrokkjali jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet parrokkjali li jkunu miftuħa għall-komunita` parrokkjali eż. Assemblea, ċelebrazzjonijiet liturġiċi eċċ.

### 4.3 Punti Prattiċi: Ħarsien tal-erba' aspetti tal-pastorali

Aktar milli jiġu mibdija progġetti/ħidmiet/attivitajiet ġodda, il-KPAŻ għandha tara kif tista' ssaħħaħ dak li diġa' jeżisti biex l-evanġelizzazzjoni u l-ħtiġijiet pastorali taż-żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa jkunu jistgħu jintlaħqu u r-riżorsi eżistenti jiġu wżati bl-aħjar mod possibli.

Dan kollu għandu jsir billi l-KPAŻ tara li l-4 aspetti tal-pastorali maż-żgħażagħ u l-adolexxenti, kif jidhru fid-dokument *Adolexxenti u Żgħażagħ* qiegħdin jiġu inklużi:

#### 4.3.1 Il-Ħajja Komunitarja

i) Tara li jeżistu gruppi li fihom iż-żgħażagħ u l-adolexxenti jistgħu jimmaturaw fil-fidi.

Fejn diġa' hemm għaqdiet/gruppi, ta' min nistaqsu:

- Il-ħidma li qed issir, hi fil-fatt pastorali - li fil-qalba tagħha hemm l-evanġelizzazzjoni jew tieqaf fis-soċjali biss?
- L-għanijiet tal-grupp/għaqda/ċentru huma ċari għal kulħadd?

ii) Tidentifika dawk l-okkażjonijiet li jistgħu jinħadmu f'kollaborazzjoni akbar eż. Quddies għaż-żgħażagħ fl-okkażjoni tal-festa; eżerċizzi tar-Randan; formazzjoni għall-*operaturi pastorali* kollha tal-parroċċa/unita' f'daqqa.

iii) Toħloq/tiġi identifikata okkażjoni, għallinqas darba fis-sena, li fiha ż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-parroċċa jistgħu jiltaqgħu flimkien

iv) Jitħejja pjan skond iż-żmien propost mid-djoċesi għall-parroċċi li fih jitniżżlu l-attivitajiet ta' l-għaqdiet kollha tal-parroċċa.

### 4.3.2 Ix-Xandir tal-Kelma

i) L-operaturi pastorali, kemm huma ffurmati u kemm qiegħdin jieħdu ħsieb il-formazzjoni tagħhom?

ii) Qiegħdin nafdaw liż-żgħażagħ u l-adolexxenti biex ikollhom opportunitajiet li fihom jistgħu ikunu protagonisti u evanġelizzaturi?

iii) X'tip ta' formazzjoni qiegħda tingħata fil-laqgħat li jkollna?

iv) Qiegħdin ngħinu liż-żgħażagħ u l-adolexxenti jinbnew fi nsara konvinti?

v) Hemm programm li joħloq mixja ta' fidi?

### 4.3.3 Il-Liturġija

i) Il-liturġija qiegħda toffri spazju għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti?

ii) Teżisti quddies tal-ħin li tkun animata miż-żgħażagħ u l-adolexxenti? Jekk le, kif tista' tiġi organizzata waħda fil-parroċċa/unita'?

iii) X'sehem għandhom iż-żgħażagħ fil-quddies parrokkjali ta' tmiem il-ġimgħa?

iv) Qed jinħolqu opportunitajiet ta' talb liturġiku flimkien bħalma huma *prayer meetings,* lectio divina, irtiri, adorazzjonijiet eċċ.

v) Iż-żgħażagħ u l-adolexxenti qiegħdin isibu ambjent akkoljenti biżżejjed biex jersqu għas-sagrament tal-qrar?

### 4.4.4 Id-Djakonija

i) Noffru esperjenzi li fihom iż-żgħażagħ u l-adolexxenti jagħrfu l-valur li jkunu ta' servizz għall-oħrajn jew fil-parroċċa jew anke lil hinn minnha?

ii) Kif nistgħu nindirizzaw liż-żgħażagħ u l-adolexxenti li huma ‘l bogħod mill-Knisja?

iii) X’jista’ jsir maż-żgħażagħ u l-adolexxenti li għandhom diffikultajiet?

**4.4 Membri**

Fil-KPAŻ għandu jkun hemm rappreżentant/a minn kull realta’ (moviment/għaqda/grupp) ta’ żgħażagħ u l-adolexxenti fil-parroċċa li għandhom l-għan ta’ ħidma pastorali. Kull għaqda għandha tara li l-membru li tibgħat ikun jista’ jimpenja ruħu/ha ta’ l-anqas għal perjodu ta’ sena.

F’każ ta’ parroċċi li fihom in-numru tal-għaqdiet taż-żgħażagħ ikun żgħir, jew ikun hemm grupp wieħed, il-Kappillan/Arċipriet flimien mar-rappreżentanti ta’ l-għaqdiet eżistenti għandu jappunta numru suffiċjenti ta’ lajċi mhux assoċjati fl-għaqdiet iżda li huma interessati mill-pastorali ma’ l-adolexxenti u ż-żgħażagħ biex jiffurmaw parti mill-KPAŻ. Dawn għandhom ukoll ikollhom preparazzjoni u formazzjoni adegwata fis-suġġett. M’għandha qatt tingħata ir-responsabbilita` tal-pastorali parrokkjali miż-żgħażagħ għand grupp wieħed.

Minn dawn il-membri, imbagħad, Il-Kappillan/Arċipriet għandu jappunta *chairperson,* segretarju/a, membru inkarigat mil-liturġija, membru inkarigat mill-formazzjoni, ieħor mill-ħajja komunitarja u ieħor mid-djakonija. Hu meħtieġ li l-membri kollha tal-KPAŻ ikollhom spirtu ta’ kollaborazzjoni u jkunu jħaddnu bis-sħiħ l-għanijiet tagħha.

**4.4.1 Is-servizz tac-*Chairperson* jinvolvi:**

- Li, flimkien mal-Kappillan/Arċipriet jew mas-saċerdot imqabbad minnu, jsejjaħ u jmexxi laqgħa;
- Li jara li kull deċiżjoni li tittieħed/kull pjanifikazzjoni li ssir għandha tkun maħduma bil-kollaborazzjoni tal-membri kollha;
- Li jara li jitwettqu l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni;
- Iżomm kuntatt ma’ kummissjonijiet oħra fi ħdan il-parroċċa;

- Iżomm kuntatt mal-KDŻ;
- Jirrappreżenta il-KPAŻ fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

#### 4.4.2 Is-servizz tas-Segretarju jinvolvi:

- Li jżomm kuntatt ħaj mal-membri l-oħra tal-KPAŻ billi jibgħat il-minuti tal-laqgħat lill-membri kollha u lill-Kappillan/Arċipriet jew saċerdot delegat minnu.
- Li flimkien mac-*Chairperson* u l-Kappillan/Arċipriet joħroġ aġenda u jibgħatha lill-membri kollha ta' l-inqas ġimgħa qabel il-laqgħa flimkien mad-data u l-ħin tal-laqgħa.
- Fl-aħħar tas-sena, jibgħat rapport ta' ħidma ta' matul is-sena lill-KDŻ.
- Jekk ikun hemm involuti xi flus, għandu jingħata rendikont finanzjarju lill-Kappillan/Arċipriet.

#### 4.4.3 Is-servizz tal-membri inkarigati mil-Ħajja Komunitarja, mil-Liturġija, mix-Xandir tal-Kelma u mid-Djakonija jinvolvi li:

- Jġibu 'l quddiem il-qasam inkarigati minnu fil-ministeru maż-żgħażagħ u l-adolexxenti.
- Jaħdmu f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Liturġika, Kummissjoni Djakonija u dik Kateketika tal-parroċċa, fejn dawn ikunu mwaqqfa.

*Il-membri tal-KPAŻ għandhom idumu fil-Kummissjoni għal term ta' sena li jista' jiġġedded għal tnejn. Hu mportanti li dawn il-membri jagħtu l-impenn sħiħ tagħhom u jattendu għal-laqgħat kollha tal-KPAŻ.*

### 4.5 Attitudnijiet

Biex l-għanijiet imsemmija aktar 'il-fuq jintlaħqu, importanti dawn l-attitudnijiet fil-membri:

- Motivazzjoni u entużjażmu għall-ħidma ta' koordinament fl-għalqa ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
- Flessibilita' fil-mod u l-istil ta' ħidma; fl-attivitajiet, pjanifikazzjoni eċċ

Il-Kummissjoni għandu wkoll ikollha l-attitudni li:

- Ma torganiżżax attivitajiet taħt isimha b'mod li tidher qisha għaqda separata;
- Permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-KPAŻ, l-għaqdiet għandhom jiġu mgħarrfa bid-deċiżjonijiet u inizjattivi li jittieħdu;
- Tinkoraġixxi u tgħin fil-ħolqien ta' inizjattivi ġodda fejn ikun hemm bżonn (mhux tagħmilhom hi);
- Tħeġġeġ li jkun hemm ftuħ għar-realta' tad-djoċesi fost l-oħrajn billi ssir enfasi:
  - li ż-żgħażagħ u l-adolexxenti jingħaqdu flimkien f'appuntamenti djoċesani
  - tara li dak li jiġi organizzat fuq livell parrokkjali u li għandu x'jaqsam ma' żgħażagħ u adolexxenti jkollu l-approvazzjoni tal-KPAŻ.
- Li tiddelega aktar milli tagħmel l-affarijiet hi.

### 4.6 Riżorsi u għajnuniet

Biex il-Kummissjoni tilħaq l-għanijiet tagħha, tajjeb li tħeġġeġ lill-membri jfittxu riżorsi u għajnuniet kemm fil-parroċċa kif ukoll barra minnha. Dawn il-kuntatti jistgħu ikunu ta' għajnuna:

#### 4.6.1 Riżorsi fuq Ħajja Komunitarja

- SPYS (*Salesian Pastoral Youth Services*) – għal organizzazzjoni ta' diversi *weekends* fuq *leadership* u *teamwork* fost suġġetti oħra u diversi riżorsi oħrajn.

#### 4.6.2 Riżorsi fuq Xandir tal-Kelma

- Segretarjat għall-Katekeżi

### 4.6.3 Riżorsi fuq Liturġija

- Segretarjat għal-Liturġija

### 4.6.4 Riżorsi fuq Djakonija

- Segretarjat għall-ħidma soċali u l-karita` (Caritas)

Għal riżorsi oħrajn, konsultazzjoni jew diffikultajiet, wieħed jista' jikkuntattja lill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.